# IL-GĦANJA TAR-RUŻARJU

**Azzjoni xeneġġjata f'żewġ taqsimiet**
**ta' Val. V. Barbara, O.P.**

*Jieħdu sehem:* Il-Madonna; S. Duminku; Anġli; Anġlu kommentatur.

*(N.B. Il-'producer' għandu jfittex li jirrealizza d-deskrizzjonijiet tal-Kommentatur).*

I

*Ġnien bil-ward. Fl-isfond, xena bil-kolonni, u warajhom, fuq il-lemin, għadd ta' anġli, mhux inqas minn ħmistax, reqdin. Fir-rokna fuq ix-xellug, palazz, b'xi 3 jew 4 tarġiet jagħtu għall-bieb, u bit-twieqi għamla ta' kwiekeb. Qed jisbaħ, id-dawl jiżdied qajl qajl.*

*Kommentatur*

Kien Mejju. Il-ġnien tas-sema
kien mimli kollu ward
li l-fwieħa ħelwa tiegħu
ma titfissirx hawn fl-art:
l-ilwien tal-weraq tiegħu
qatt ebda għajn ma rathom,
u l-għamla tiegħu sbejħa,
mistrieħa fuq fergħathom
tixbaħ lil xi kuruna
fuq ras ta' xi sultana
kbira, bix-xemx imlibbsa,
sabiħa u wisq setgħana.
F'għodwa li sebħet bajda
bħas-silġ ta' fuq l-għoljiet,
anqas biss fewġa waħda
ma nħasset fis-smewwiet.
Il-qtar ileqq tan-nida
fuq il-werqiet tarjiħ
kien qisu ġawhriet fini
bis-sengħa maħdumin.

*jistenbħu l-anġli*
*daqq mitfi ta' pjanu*

Fid-dawl tax-xmejxa stenbah
il-ward ġo kull ħammiela,
u beda l-għanja tiegħu
li baqgħet tielgħa, tielgħa,

sad-dormitorju ħiemed
fejn l-anġli, mistreħin,
kienu qegħdin ipinġu
il-ħolm tat-tfal ċkejknin.

Għal-leħen ta' dik l-għanja
li dwiet ma' kullimkien
qamu ferħana l-anġli
u ġrew għal ġewwa l-ġnien;

innu ta' sebħ lil Alla
bdew igħannu b'leħen ħlejju,
li kompla żied is-seħer
ta' dik l-għodwa ta' Mejju.

Imbagħ'd firxu ġwenħajhom,
bħal friefet ta' kull razza,
u taru qtajja' qtajja'
sakemm ġew f'qisha pjazza

li f'nofsha kien imtella'
palazz sabiħ tar-rħam,
bit-twieqi qishom kwiekeb,
ma jħallu mkien mudlam;

il-bieb ewlieni tiegħu
tal-bronż, dejjem miftuħ,
u minnu tinħass ħierġa
riħa mill-aktar tfuħ;

minn ħdejh nieżla nixxiegħa
ta' deheb l-aktar fin,
li jraxxax il-ħin kollu
fuq il-ġnus tal-bnedmin.

Fuq il-palazz, miktuba
bid-dawl, hemm dal-kelmiet:
"Marija, Omm Alla Sidna,
Sultana tas-Smewwiet."

Kif ġew fil-pjazza, l-anġli
ħallew ilsienhom fl-għana,
u bdew ikantaw hienja:
"Is-sliem għalik, Sultana!"

Qatt innu ieħor isbaħ
sal-lum għadu ma nstema'
daqs dak in-nhar ta' Mejju,
la fl-art anqas fis-sema.
Hekk kif instemgħet l-għanja
donnhom infetħu l-ġonna,
għaliex quddiem għajnejhom
l-anġli lemħu l-Madonna.
L-Omm Xbejba tbissmitilhom,
tathom il-barka tagħha
imbagħ'd xħin refgħet idha
kulħadd qagħ'd kwiet jismagħha.
Riedet Marija l-isbaħ
ħmistax jiġu madwarha,
qassmithom fi tliet gruppi,
u tathom din il-bxara:

*Il-Madonna*

Tafu li wliedi l-oħra
jinsabu maħbutin
mill-għadu tal-għedewwa
li jridhom mifrudin
bejniethom, u biex jasal
għal dan il-għan qerriedi
qajjem lill-Albiġiżi
biex jirbħu lil uliedi.
Iżda jien hawn, hawn jiena!
Nurih jien lix-xitan
ma' min għandu jagħmilha
f'kumbattiment bħal dan!
Jaf sew li għal uliedi
jien nagħti l-ħajja tiegħi.
Mela, ħa nagħtih prova
tal-qawwa ta' dan driegħi.
Mhux le bl-armi u bix-xwabel,
iżda b'kull tieba u benna,
b'kull għaxqa u b'kull sbuħija,
b'kull fwieħa ta' dil-ġenna.

Isaw, għalhekk, u morru
fil-ġnien; obdu dis-sejħa;
aqtgħuli bla ma ddumu
ħmistax-il warda sbejħa:
ħames wardiet bajdana,
ħams'oħra ħamranin,
u ħamsa rrid li jkunu
tad-deheb l-iżjed fin.
Imbagħ'd neħodkom miegħi
fid-dinja, fejn għarqan
bil-ħidma, qiegħed jitlob
Duminku ta' Gużman.

*Kommentatur*

Sellmu bil-qima l-anġli
u taru lkoll ferħana
biex jobdu lil Marija,
tas-sema u l-art Sultana.
Bħalma ferħ naħal bieżel
jagħżel wardiet tarjin
biex jerda' l-btir minn qalbhom
u jibdlu f'għasel bnin,
hekk l-anġli l-isbaħ fjuri
bdew jaqtgħu bl-akbar ħeġġa,
minn xitla għal oħra jtiru
bil-ħeffa, qishom vleġġa.
Il-ward imbierek tbissem,
għax hu feh'm minnufih
illi xi ħaġa kbira
kienet merfugħa għalih.
Kull waħda qabdet terfa'
ir-ras ċkejkuna tagħha
u ssejjaħ lil kull anġlu
sabiex jiġi jaqtagħha.
Iżda l-blanzuni, msejkna,
l-anġli ma resqux lejhom:
dmugħ safi daqs in-nida
beda jaħsel ħaddejhom;

ghax l-anġli kienu jaqtgħu
mill-ward li kien miftuħ:
ward kbir, sabiħ u mimli,
ta' l-aktar riħa tfuħ.
U xħin ġew lura l-anġli
f'idejhom ġiebu l-ward
li xtaqet il-Madonna
biex tinżel bih hawn fl-art.
Sa dan it-tant ġa kienet
daħlet ġewwa Marija
biex tqajjem minn ġon-nieqa
bajda 'l Ġesu tarbija.
Hi resqet lejh ħarqiena,
qalbha trid tfur bl-imħabba
lejn Binha, Ġesu tagħha,
li kien fi ħdanha trabba.
"Ġesu", qaltlu l-Madonna,
"qum, isa, sar il-ħin
ħa nerġgħu flimkien ninżlu
fid-dinja tal-bnedmin."
Il-ġenna kollha tbissmet
kif il-Bambin Ġesu
fetaħ għajnejh dak ġmielhom
kif jaf jaħlaqhom hu.
Firex dirgħajh setgħana
lejn il-maħbuba Ommu,
li minnufih rassitu
kif l-ommijiet iżommu
marsusa sfiq ma' qalbhom
'l uliedhom iċ-ċkejknin,
u bieset bieset bieset
wardiet ħaddejh tarjin.
Imbagħ'd wiċċu ma' wiċċha,
mistrieħ ħafif bilqiegħda
fuq drieghha, waqt li b'idha
tmellislu t-troffa mġiegħda,
f'bieb il-palazz imbierek
bil-ħerqa ħarġet bih,
u l-anġli kif lemħuhom
bdew igħannu minnufih:

*ix-xena tidher minn ġo waħda mit-twieqi*

*L-anġli*

Ġesu, int l-hena tagħna,
int l-għaxqa ta' għajnejja,
ismek hu l-isbaħ għanja
li ħelwa ddoqq f'widnejna.
Ġesu, Bin Omm u Xebba,
nagħtuk kull qima u sebħ:
għalik is-setgħa u l-qawwa,
għalik kull ħakma u rebħ.

*Kommentatur*

Imbagħ'd ix-Xbejba mbierka
ħarġet mid-dar divina,
u l-anġli dawra magħha
bdew jiżfnu żifna rżina.
U waqt li kienu jduru
ġiet sħaba bajdanija
li nfirxet taħt riġlejhom
u mliethom bl-akbar dija;
u lkoll mill-ġenna ħarġu
iżommu mill-idejn,
sakemm il-għanja tagħhom
bil-ħlewwa ntfiet fix-xejn.

II

*Tibdil tax-xena minnufih. Kamra fqira; xemgħa waħda biss taqta' d-dalma bit-twennim tagħha quddiem xbieha tal-Madonna, li għarkobbtejh f'riġlejha San Duminku jitlob. Id-dawl jiżdied bil-mod ħafna.*

*Kommentatur*

Kien żmien qalil u aħrax;
fl-Ewropa l-ereżija
kienet qed tiġbed magħha
għadd kbir ta' rwieħ mifdija.

Valdiżi, Albiġiżi,
Ebrej u Manikej,
riedu t-twemmin jeqirdu
sa ma jġibuh fix-xej'.
Gwerer, tixrid ta' dmija,
tagħlim ħażin, qarrieqi,
xterdu bil-wisq fil-popli,
bħall-ilma ġewwa s-swieqi.
Mewġa ta' frugħa ġarret
anki l-ministri t'Alla;
ir-riefnu, kull fejn għadda,
qirda qalila ħalla.
Herba tal-biki ġarrbet
il-Knisja mqaddsa tagħna.
Imm'Alla riedha tibqa'
kattolika u rumana.
Għalhekk mill-art ta' Spanja,
minn Kalerwega ċ-ċkejkna,
bagħat kewkba biex iddawwal
lil din id-dinja msejkna.
Mimli b'did-dija mqaddsa,
atleta kbir ta' Kristu,
kemm ħadem u kemm sofra
infissru le ma nistgħu.
Duminku l-isem tiegħu,
tassew kien mill-Mulej
kif qam għall-Albiġiżi
u kontra l-Manikej.
Għal seba' snin fi Spanja,
fi Franza, ħadha magħhom,
biex jeqred l-għajb u l-ħażen
ta' l-ereżija tagħhom.
Oh, ġranet imgħoddija
fil-pjażeż ta' l-ibliet!
Oh, ljieli, kontu xhieda
tat-talb u tad-daqqiet!
Xi drabi l-qawwa tiegħu
iħossha kien wisq dgħajfa,
għax ried ikun miraklu
biex jegħleb dik it-tajfa.

Feh'm sewwa l-Patrijarka
li kien jeħtieġlu sura
ta' xi għajnuna ġdida
biex żgur ma jerġax lura.
Kull lejl fis-skiet ta' ċelltu,
għall-wens tad-dawl ta' xemgħa,
kien jitlob b'ħerqa kbira
lill-Omm ta' l-art u s-sema.
Imma ...... xinhu dal-għana?
Xinhu dad-dawl hekk kbir?
Bilfors illi xi ħaġa
tal-għaġeb qiegħda ssir!......
Oh, x'ferħ! Reġgħet ġiet fostna
fuq dina l-art Marija,
u magħha reġgħet ġiebet
il-ħlewwa ta' Tarbija.
Oh, xi tbissima tatu
lill-iben ta' Gużman!
B'liema kuraġġ imlietu
biex jirbaħ lix-xitan!
Stidnitu jersaq lejha,
fil-qrib, lejn il-Qalb tagħha,
riditu b'għożża kbira
joqgħod jitkellem magħha.
O anġli, warrbu, warrbu,
ħalluh igħaddi l-Kampjun!
O anġli, duru miegħu,
għannulu 'l dan l-iljun!
Ersaq, ja Torċa ħajja,
ja Dawl tal-Knisja, ilqagħha
dik il-katina mbierka,
u tghannaq qawwi magħha.
Imbierka int, Maria,
għall-qawwa ta' din l-arma,
għax issa l-għadu tagħna
ma jdumx ma jibda jżarma.
Rebħiet bil-kotra biha
fl-istorja għad ikollna;
u jekk kull rebħa warda,
kemm għad ifuru l-ġonna.

*Jidħlu l-anġli u jintasbu fi tliet fillieri, waħda ogħla mill-oħra, tal-ward abjad isfel, tal-ħomor fin-nofs, tal-ward tad-deheb fuq; fuqhom ilkoll Marija b'Ġesu fuq driegħha, b'kuruna tar-Rużarju f'idha l-oħra.*

*L-anġli jiftħu mogħdija; S. Duminku jmur jinżel għarkobbtejh fuq it-tieni tarġa; Marija tnewwillu l-kuruna; l-anġli jerfgħu 'l fuq il-ward tagħhom.*

F'Toloża, f'Karkassona,
minn Lepanto sa Vjenna,
u f'Lourdes, Salette u Fatima,
id-dinja saret ġenna.
Ġenna li tfaħħar 'l Ommna
u lir-Rużarju tagħha,
li bih kull min hu umli
kull grazzja fis jaqlagħha.
Oh, tkun imfaħħra dejjem
dit-talba wisq qawwija.
Kun int il-mistrieħ tagħna,
Rużarju ta' Marija!

*Għana u daqq jintfew fix-xejn bil-qajl sa l-aħħar.*